**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Frar, 2017**

Kawza Numru: 32/2016JB

Numru: 3

**Charlotte Cassar Simmons (K.I.: 555691M)**

***vs***

**Abdul Kerim Tarhuni (K.I.: 471789M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-28 ta' Jannar 2016 fejn l-Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija u tmienja u sittin euro u seba' centezmi (€668.07) u dan wara li ppremettiet li fil-kors ta' relazzjoni li kellha mal-Konvenut, kienu jikru appartament gewwa Birkirkara u li f'dan l-appartament kienu jigu pprovduti s-servizzi tal-Melita plc. Sussegwentement tali relazzjoni ntemmet u ma baqghetx tabita fl-imsemmi appartament fil-waqt li l-Konvenut baqa' juza s-servizzi tal-Melita plc minghajr ma jhallas u minghajr ma jiehu hsieb tal-apparat. Fil-5 ta' Novembru 2015 irceviet avviz minghand Melita plc fejn giet infurmata li l-apparat ma giex ritornat u kemm-il darba dan ma jigix ritornat entro hmistax-il jum, kienu se jigu applikati penali ta' hames mija u erbgha u tletin euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€534.21). Tghid li ghamlet dak li setghet biex tiehu lura l-apparat u anke staqsiet lill-Konvenut imma dan qalilha li ma kienx ghadu ghandu. Ghalhekk hi spiccat hallset is-somma ta' €534.21 ghall-apparat li ma kienx ritornat u s-somma ta' mija u tlieta u tletin euro u sitta u tmenin centezmu (€133.86) bhala arretrati. B'din il-kawza, l-Attrici qed titlob ir-rizarciment tas-somom minnha mhallsa lill-Melita plc li flimkien jammontaw ghal €668.07;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-14 ta' Marzu 2016 (a fol 10);

Ra li l-Konvenut, debitament notifikat bl-atti (a fol 20 u 23), laqa' ghal din l-azzjoni billi pprezenta risposta fit-3 ta' Gunju 2016 (a fol 24) fejn eccepixxa dan li gej:

1. Illi l-Konvenut m'għandu l-ebda relazzjoni kuntrattwali mal-Melita;

2. Illi l-ispejjez sofferti jappartjenu lill-Attrici u huma konsegwenza tat-telqa u t-traskuragni grossolana da parti tagħha;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-rikors prezentat mill-Attrici nhar is-17 ta' Gunju 2016 (a fol 33) fejn din talbet li l-ispejjez tal-pubblikazzjoni tal-avviz tat-Talba għal fini ta' notifika jigu inkluzi mal-ispejjez gudizzjarji kif ukoll li l-ammont pretiz jigi inkrementat bis-somma ta' disa' u tmenin euro (€89) stante pagament ulterjuri li sar lill-Melita plc fil-mori tal-kawza;

Ra d-digriet tiegħu tal-21 ta' Gunju 2016 (a fol 37) fejn ordna n-notifika tar-rikors lill-Konvenut b'terminu għar-risposta;

Ra li l-uniku tentattiv ta' notifika ta' dan ir-rikors irrizultat fin-negattiv (a fol 71) u li dan ir-rikors għadu pendenti u kwindi se jipprovdi dwaru f'din is-sentenza;

Ra d-digriet tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2016 fuq rikors tal-Attrici prezentat nhar il-5 ta' Ottubru 2016 (a fol 84) fejn awtorizza li din titħalla tipproduci bħala xhud lil certu Charlot Vassallo wara li kienet għalqet il-provi tagħha;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra;

Illi l-odjerna kawza hija waħda għal risarciment ta' somma mħallsa mill-Attrici lill-Melita plc minħabba li apparat appartenenti lill-istess kumpannija li kien fl-appartament fejn kienet tabita mal-Konvenut ma giex ritornat u anke għal arretrati għal servizzi provduti mill-istess kumpannija fl-istess appartament. Il-Konvenut jilqa' għal din l-azzjoni billi jgħid li ma għandu l-ebda relazzjoni mal-Melita plc u li l-ispejjez inkorsi mill-Attrici huma frott tat-traskuragni tagħha u kwindi m' għandux jagħmel tajjeb għalihom.

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta dan li gej:

L-Attrici xehdet bil-procedura tal-affidavit (a fol 29) u stqarret li kienet f'relazzjoni mal-Konvenut, kellha tifla minnu, u kienet tabita miegħu f'appartament f'Birkirkara. Tgħid li din ir-relazzjoni intemmet f'Mejju 2014, meta ma baqgħetx tabita fl-istess indirizz. Tgħid li l-Konvenut baqa' jgħix fl-istess appartament għal madwar xahrejn u baqa' juza l-istess servizzi, izda ma ħallasx għalihom. Tgħid li hu talabha ma tiehux l-apparat tal-Melita proprju biex jibqa' juza s-servizz. Tgħid li hi cemplet lill-kumpannija biex taqta' s-servizz f'Awissu izda baqgħet tħallas sa Settembru. Tgħid li l-Konvenut irrifjuta li jagħtiha l-apparat, anzi nsista magħha li tħallas kontijiet li kellu għal servizzi oħra u li kienu jsejjħu lilu. Tgħid li mbagħad irceviet mingħand il-Melita u giet mgħarrfa li jekk l-apparat ma kienx se jigi

ritornat kienu se jimponu penali. Tghid li l-Konvenut kien tgharrfilha li l-apparat kien hallih fl-appartament wara li ntemmet il-kirja. Tghid li sidt il-kera qaltilha li ma kienx hemm apparat fl-appartament. Tghid li sussegwentement hallset is-somma ta' €534.21 ghall-apparat li ma kienx ritornat u s-somma ta' €133.86 bhala arretrati. Meta xehdet in kontro-ezami (a fol 101) l-Attrici stqarret li hi qatt ma ffirmat kuntratti mal-Melita u li l-kuntratt gie ffirmat mill-Konvenut f'isimha. Hi tikkonferma li kienet konsapevoli tal-fatt li l-kont kien jghajjat lilha u tghid li meta kienu jabitaw flimkien, il-kontijiet kienu jinqasmu bejn il-kontendenti. Tghid li kienu ftehmu flimkien li jakkwistaw tali servizzi minghand il-Melita. Tinsisti li hi halliet is-servizz fl-appartament wara li temmet ir-relazzjoni taghha fuq insistenza tal-istess Konvenut. Tghid li hi tat l-avviz lill-Melita sabiex inehhu s-servizz hekk kif saret taf li l-Konvenut kien se johrog mill-appartament izda skond il-kuntratt viggenti mal-Melita kellu jinghata pre-avviz ta' xahar u ghalhekk kellha thallas ghal xahar iehor qabel effettivament jitnehha s-servizz. In riezami, l-Attrici tghid li l-Konvenut kien qalilha li sabiex jaghtiha l-apparat tal-Melita lura, kellhom jithallsu l-kontijiet li kien hemm pendenti bejniethom.

Emily Abela xehdet (a fol 58) u stqarret li hi *Junior Legal Assistant* mal-Melita plc. Tghid li s-servizz in kwistjoni kien tat-tip maghruf bhala "bundle" u kien jinkludi telefon, internet u *cable television*. Hi kkonfermat li rcevew il-hlas ta' tas-somma ta' €534.21 ghall-apparat li ma kienx ritornat u s-somma ta' €133.86 bhala arretrati minghand l-Attrici. Tghid li huma qatt ma rcevew xi taghrif li l-Attrici kienet se tbiddel ir-residenza taghha.

Stephania Bezzina xehdet (a fol 77) u stqarret li hi sidt il-kera tal-fond fejn kienu jabitaw il-kontendenti. Tghid li l-kirja kienet saret a favur tal-Konvenut. Tghid li kien hemm xi servizzi tal-Melita li kienu gew trasferiti a favur tal-Konvenut fl-ewwel jum tal-kirja. Hija stqarret li meta hareg mill-fond il-Konvenut ma halla xejn warajh ghajr ghal xi basktijiet li imbaghad wasslithomlu hi stess gewwa Bormla. Ikkonfermat skambju ta' messaggi li jinsab a fol 55 sa 57 tal-process. In kontro-ezami x-xhud spjegat li l-inkwilinat baqa' ghaddej stante li kienet tithallas il-kera anke wara li ghalaq il-perjodu miftiehem.

Il-Konvenut xehed (a fol 82) u stqarr li hu kien jikri minghand Stephania Bezzina. Jghid li ma jiftakarx li hu attenda gewwa l-ufficcju tal-Melita flimkien ma' sidt il-kera ghad li jikkonferma li kien konsapevoli li l-kont tas-servizzi tal-Melita kellu jigi trasferit ghal fuq ismu. Jghid li hu kien sar jaf li sakemm l-Attrici kienet qed tabita mieghu, kienet abbonat ghal xi servizzi ohra tal-Melita. Jghid li hu ma kienx jaf b'dawn is-servizzi u qatt ma sserva bihom. Jghid li l-Konvenuta bdiet tinsisti mieghu li ghandu jroddilha l-apparat tas-servizz li kien abbinat mal-kont taghha izda hu ma kienx jaf b'tali servizz. Jghid li l-Attrici qaltlu li jekk ma kienx se jirritorna l-apparat, kellu jindennizzaha ghall-ispejjez. Jghid li dan l-apparat qatt ma kien rah ghad li jiftakar li fl-appartament kien hemm sett wiehed tat-televixin. Ix-xhud ikkonferma l-iskambju ta' messaggi bejnu u l-Attrici (a fol 43 sa 50 tal-process). Jghid li meta baghat messagg li kien jghid li kien jghid xi haga fis-sens li kien se jiehu l-kaxxi lura meta jmorru jhallsu l-kontijiet f'daqqa kien qed jirreferi ghall-fatt li kellhom imorru fil-post jigbru l-apparat. Jghid li l-Attrici kienet traskurata.

L-Avukat Gertrude Borg Micallef, addetta mal-Melita plc, xehdet (a fol 107) u spjegat il-procedura ta' kif isiru l-kuntratti bejn il-Melita plc u l-klijenti.

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi, jidher li l-pern tal-kwistjoni mhuwiex min effettivament iffirma l-kuntratt bejn l-Attrici u l-Melita plc izda x'gara mill-apparat li l-Attrici tghid li halliet fil-fond

fejn kienet tabita mal-Konvenut. L-azzjoni hija wahda ghal risarciment billi l-apparat ma ntraddx lura lil sidu kif ukoll ghal servizzi li jidher li ma thallsux. L-Attrici tghid li l-Konvenut talabha thalli s-servizz fl-appartament wara li din telqet; il-Konvenut jghid li ma jafx li kien hemm dan is-servizz installat minkejja li kien hemm sett wiehed tat-televixin.

Fil-fehma tat-Tribunal, ir-rizoluzzjoni tal-kwistjoni hija fil-messaggi skambjati bejn il-kontendenti li gew prezentati mill-Attrici u l-Konvenut ikkonfermahom. Minn dawn il-messaggi jidher li bejn il-kontendenti kien hemm pika u l-pozizzjoni tal-Konvenut hija li l-Attrici kellha tiehu hsieb hwejjigha u tnehhi l-affarijiet taghha mill-appartament. It-Tribunal ma jaqbilx. Hu car li dawn kienu jabitaw flimkien u jekk kien hemm xi oggetti ta' xi wahda mill-partijiet, kien imiss lil min hareg l-ahhar mill-appartament li jara li jirritorna l-appartament vojt. It-Tribunal xtarr fil-fond dak li xehdu l-kontendenti u wasal ghall-konkluzjoni li x-xhieda tal-Attrici hija ferm aktar verosimili u attendibbli minn dik tal-Konvenut. It-Tribunal mhux jemmen lill-Konvenut meta dan jghid li ma jafx x'servizzi kien hemm installati fl-appartament. Certament li l-apparat in kwistjoni ma kienx daqs xi zokk ta' sulfarina. Ghalhekk, a bazi tal-fatti li ghandu quddiemu, it-Tribunal javvalla l-pozizzjoni tal-Attrici u jiskarta dak li qed jikkontendi l-Konvenut.

Ikkunsidra;

Illi stabbiliti l-fatti jehtieg li jigu trattati l-eccezzjonijiet. Qabel xejn l-ewwel eccezzjoni u cjoe li l-Konvenut mghandu l-ebda relazzjoni kuntrattwali mal-kumpannija Melita.

Fil-fehma tat-Tribunal din l-eccezzjoni ma tregix ghaliex dak li qed tfittex ghalih l-Attrici jirrigwarda danni li sofriet minhabba agir jew nuqqas tal-Konvenut. Certament li l-azzjoni mhijiex imsejjsa fuq relazzjoni kuntrattwali bejn il-Melita u l-Konvenut. Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni se tigi michuda.

Ikkunsidra;

Sorvolata l-ewwel eccezzjoni t-Tribunal se jikkunsidra t-tieni eccezzjoni u cjoe dik li l-Attrici agixxiet bi traskuragni. Din hi kwistjoni ta' fatti. Mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-Konvenut talab li jzomm is-servizz wara li l-Attrici harget mill-appartament. Anke li dan ma kienx il-kaz, mhuwiex verosimili li l-Konvenut ma kienx jaf x'servizzi kien hemm fil-fond mikri lilu u ghalhekk kellu jirregola ruhu ahjar. Fic-cirkostanzi, anke din l-eccezzjoni se tigi michuda.

Ikkunsidra;

Imiss li jigi trattat u deciz ir-rikors tal-Attrici tas-17 ta' Gunju 2016 (a fol 33) fejn din talbet li l-ispejjez tal-pubblikazzjoni tal-avviz tat-Talba ghal fini ta' notifika jigu inkluzi mal-ispejjez gudizzjarji kif ukoll li l-ammont pretiz jigi inkrementat bis-somma ta' disa' u tmenin euro (€89) stante pagament ulterjuri li sar lill-Melita plc fil-mori tal-kawza. Billi l-Attrici naqset milli tottempora ruhha mad-digriet tal-21 ta' Gunju 2016 (a fol 37), dan ir-rikors se jigi michud u l-ispejjez tieghu ghandhom ikunu sopportati mill-Attrici. Madankollu, t-Tribunal jirrileva li fejn imiss ma' spejjez ta' notifika bil-mezz ta' pubblikazzjoni, kif inhi mill-bqija l-konswetudni fil-Qrati taghna, kien ikun sufficjenti li tigi prezentata l-ircevuta permezz ta' nota. Ghalhekk, ir-Registratur ghandu jiehu qies tal-ispejjez tal-pubblikazzjoni tal-avviz f'gurnal lokali (a bazi tal-ircevuta a fol 35) fl-intaxxar tal-kawza.

Ikkunsidra;

Sorvolati l-eccezzjonijiet kollha jmiss li jigi kkunsidrat jekk it-talba gietx ippruvata. Mix-xhieda tal-Attrici u anke tar-rapprezentant tal-kumpannija Melita, jidher li dak li qed jigi reklamat thallas tassew, kif ukoll billi jirrizulta li s-servizz ma giex terminat precedentement minhabba talba tal-Konvenut.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, prevja li jichad ir-rikors tal-Attrici tas-17 ta' Gunju 2016 (a fol 33), kif ukoll prevja li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attrici s-somma ta' €668.07. L-Ispejjez kollha tal-kawza (ghajr ghal dawk tar-rikors tal-Attrici tas-17 ta' Gunju 2016 (a fol 33) ghandhom ikunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*